# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025**

**Numru: 9**
**Rikors Numru: 933/2015/1 FDP**

**Fenech Oil and Petroleum Co. Limited**

**v.**

**Euch. Zammit Company Limited (C-1900) u**

**Car Care Products Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-kumpanija attriċi Fenech Oil and Petroleum Limited minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Settembru, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. Permezz ta' rikors maħluf imressaq fit-2 ta' Ottubru, 2015, il-kumpanija attriċi fissret li b'eżekuzzjoni tas-sentenza tad-19 ta'

Novembru, 1993, fl-ismijiet ***David Mifsud nomine v. MichaelAngelo Fenech nomine*** (Ċitazzjoni Numru 1597/93), il-kumpanija Car Care Limited għaddiet sabiex titlob il-bejgħ bis-subbasta ta' effetti mobbli nkluż barkun bl-isem 'Marsaxlokk', proprjetà tal-kumpanija attriċi, u dan permezz tas-subbasta bin-numru 429/96 fl-ismijiet ***Car Care Products Limited v. Fenech Oil & Petroleum Limited***.

3. Il-kumpanija attriċi tkompli tfisser li l-atti tal-bejgħ bl-irkant jiffurmaw il-mertu ta' kawża oħra pendenti fl-ismijiet ***Fenech Oil & Petroleum Co. Limited v. Car Care Products Limited et*** (Ċitazzjoni Numru 1000/99 – li qiegħda tiġi deċiża llum ukoll), fejn il-kumpanija attriċi qiegħda tfittex, fost affarijiet oħra, dikjarazzjoni ta' nullità tal-atti tas-subbasta numru 429/96, kif ukoll tal-liberazzjoni tal-oġġetti nkluż il-barkun 'Marsaxlokk'.

4. Jingħad mill-kumpanija attriċi li dawn it-talbiet kif jirriżulta mill-kawża bin-numru 1000/99 li fiha ġiet imsejħa fil-kawża wkoll il-kumpanija konvenuta Euch. Zammit Company Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa EZCL), huma bbażati wkoll fuq nuqqas ta' notifika valida skont il-liġi lill-kumpanija attriċi tal-atti tal-bejgħ bl-irkant fuq imsemmi, skont l-**Artikolu 314(2)(b)(v) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

5. Il-kumpanija attriċi ssostni li l-imsemmija kawża biċ-ċitazzjoni numru 1000/99 saret minnha fit-3 ta' Mejju, 1999, flimkien mat-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-kumpanija Car Care Limited u r-Reġistratur tal-Qrati (Mandat Numru 2200/99) biex jiġu inibiti milli «*jieħdu kwalunkwe azzjoni sabiex jittrasferixxu lil terzi persuni l-effetti mobbli konsistenti f'car oils "Texaco" u oġġetti oħra simili, kif ukoll Barge li tittrasporta ż-żejt.*»

6. Hija tfisser li wara li ġiet imressqa l-imsemmija kawża biċ-ċitazzjoni numru 1000/99, it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2200/99 ġiet miluqgħa permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Mejju, 1999, u fl-4 ta' Mejju, 1999, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, limitatament inkwantu għall-barkun inkwistjoni u sakemm issir notifika skont il-liġi tal-atti tal-bejgħ bl-irkant numru 429/96.

7. Jingħad mill-kumpanija attriċi li b'danakollu, wara li ressqet il-kawża biċ-ċitazzjoni numru 1000/99, hija saret taf illi minkejja r-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat minnha, is-subbasta tkompliet u fit-30 ta' April 1999 il-barkun ġie liberat favur il-kumpanija konvenuta EZCL.

8. Il-kumpanija attriċi tfisser ir-raġunijiet għat-talbiet tagħha, meta ssostni li l-bejgħ bis-subbasta u l-liberazzjoni tal-barkun favur il-

kumpanija konvenuta EZCL li saru fit-30 ta' April, 1999, huma nulli u mingħajr ebda effett fil-liġi, u dan minħabba diversi nuqqasijiet proċedurali serji fl-atti tal-istess subbasta, fosthom li:

*«• Fit-23 ta' April 1997, l-ewwel darba li s-soċjetà E. Zammit & Sons Limited dehret fix-xena, din ressqet rikors biex toffri animo compensandi - liema rikors baqa' ma ġiex notifikat la lill-eżekutant u lanqas lis-soċjetà esponenti. Infatti ebda notifka ma kienet tħallset nonostante d-digriet relattiv kien ordna li jsiru 'notifiki skont il-liġi";*

*• Fit-23 ta' April 1998, bis-Subbasta sospiża, l-istess soċjetà E. Zammit & Sons Limited daħħlet nota biex tidħol parti bħala kreditur eżekutant addizzjonali mingħajr ħlas ta' ebda notifka u mingħajr ma saret ebda notifika la lill-eżekutant u lanqas lis-soċjetà esponenti debitur kif rikjest ad validitatem mill-Artikolu 346 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*• Fl-istess jum, l-istess socjetà li straħet fuq din l-imsemmija nota li ma kellha l-ebda effett legali, talbet ir-riappuntament tas-Subbasta mibdija minn Car Care Products Limited, liema talba hija għalhekk ukoll mingħajr effett legali.*

*• Fit-23 ta' Settembru 1998, bis-Subbasta riappuntata għat-12 ta' Ottubru 1998 abbażi tat-talba invalida hawn fuq imsemmija, l-istess soċjetà E. Zammit & Sons Limited talbet li tiġi ammessa li toffri animo compensandi, liema talba ġiet akkolta fit-28 ta' Settembru 1998 iżda prevja notifiki lill-kreditur eżekutant oriġinali u lis-socjetà esponenti debitur, liema notifiki baqgħu qatt ma saru.*

*• Is-Subbasta ġiet ordnata fuq talba ta' soċjetà bl-isem E. Zammit & Sons Limited liema socjetà però ma kinetx teżisti, almenu b'dak l-isem fiż-żmien inkwistjoni, billi kienet diġà biddlet l-isem għal Euch Zammit Company Limited kif jidher irreġistrata sal-lum (ara dokumenti annessi Dok. A u Dok. B).*

*• Is-Subbasta ġiet sospiża minħabba li ebda notifika tagħha ma saret la lid-debitur is-socjetà esponenti u lanqas lill-kredituri oriġinali Car Care Products Limited.*

*• Fuq rikors ieħor, dejjem minn Euch Zammit & Sons Limited, li ma kinitx iktar irreġistrata b'dak l-isem, is-Subbasta reġgħet ġiet riappuntata għat-30 ta' April 1999.*

*• Fis-26 u 27 ta' April 1999, inqas minn erbat ijiem qabel il-bejgħ, il-kreditriċi Car Care Products Limited u d-debitriċi ċjoè s-soċjetà esponenti, ġew notifikati bl-affissjoni u din kienet l-ewwel darba li sar jafu bil-prosegwiment tas-Subbasta minn terzi.*

> *• L-avviż tas-Subbasta li ġie affiss, ukoll huwa invalidu għaliex jafferma li l-istess Subbasta kient ġiet riappuntata fuq talba tal-kredituri oriġinali, Car Care Products Limited u għalhekk s'issa ebda indikazzjoni tal-intrużjoni ta' terzi ma ngħatat lill-partijiet interessati.*
>
> *• Meta r-rikors għas-sospensjoni tas-Subbasta, ippreżentat mid-debitriċi s-socjetà esponenti, bl-adeżjoni tal-kreditur eżekutanti Car Care Products Limited dakinhar stess tas-Subbasta, ġie respint, is-socjetà esponenti għaddiet għall-imsemmi rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-1 ta' Mejju 1999, liema rikors ġie degretat pożittivament fl-4 ta' Mejju 1999.*
>
> *• Illi għalkemm il-Barge ġiet laħqet ġiet aġġudikata animo compensandi lis-soċjetà Euch Zammit Company Limited, l-ebda liberazzjoni jew konsenja tal-Barge ma setgħet issir qabel ma tiġi ppreżentata u approvata ċ-ċedola ta' kompensazzjoni li, sal-lum, baqgħet ma saritx.»*

9. Il-kumpanija attriċi tfisser il-fehma tagħha li għalhekk il-bejgħ bl-irkant li sar fit-30 ta' April, 1999, fl-atti tas-subbasta bin-numru 429/96 u l-aġġudikazzjoni tal-barkun bl-isem "Marsaxlokk" favur il-kumpanija EZCL, huma nulli u mingħajr effett fil-liġi.

10. Hija tkompli tfisser li anke kieku ġiet osservata metikolożament il-proċedura dettata mil-liġi għal subbasta valida, fin-nuqqas ta' preżentata ta' ċedola ta' kompensazzjoni mhux iktar tard minn sebat ijiem mill-aġġudikazzjoni u fin-nuqqas tal-approvazzjoni tagħha, ma setgħet issir ebda liberazzjoni u konsenja tal-barkun lill-ebda offerent *animo compensandi* u l-kumpanija EZCL ma setgħetx tieħu pussess tal-barkun, skont il-provvediment tal-**Artikoli 331**, **337** u **328 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

11. Għalhekk, il-kumpanija attriċi ssostni li l-istess kumpanija konvenuta EZCL m'għandha l-ebda jedd, jew titolu fuq il-barkun inkwistjoni, peress illi l-pussess tagħha kien dejjem abbużiv u għandha tiġi ordnata tirrilaxxa u tirritorna l-barkun għand il-kumpanija attriċi bħala proprjetarja tal-istess, u dan fl-istess stat li kien jinsab fih fiż-żmien tat-teħid illegali tiegħu mill-kumpanija konvenuta EZCL.

12. Il-kumpanija attriċi tgħid li saret taf reċentement illi l-barkun inkwistjoni, bl-isem "Marsaxlokk", inżamm u għadu qed jinżamm mill-kumpanija konvenuta EZCL, fi stat żdingat ferm minħabba nuqqas manifest ta' manutenzjoni *uti bonus paterfamilias* tul iż-żmien kollu li dan il-barkun ilu fil-pussess tagħha u minħabba kannibalizzar tiegħu mill-istess kumpanija konvenuta EZCL, liema nuqqas ta' manutenzjoni u żarmar wasslu għal tnaqqis qawwi fil-valur tal-istess barkun u li minħabba f'hekk il-kumpanija attriċi sofriet id-danni li għalihom għandha tagħmel tajjeb il-kumpanija konvenuta EZCL.

13. Filwaqt li l-kumpanija attriċi wriet il-fehma wkoll li peress li l-kawża fl-ismijiet ***Fenech Oil & Petroleum Limited v. Car Care Products Limited et*** (Ċitazz. Numru 1000/1999) kienet għadha pendenti, ikun opportun illi din il-kawża tinstema' kontestwalment mal-imsemmija kawża ċitazz. numru 1000/1999 li tittratta l-istess mertu, jiġifieri n-nullità tal-bejgħ bis-subbasta bin-numru 429/1996.

14. Għalhekk il-kumpanija attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

*«1) Tiddikjara li l-bejgħ bis-Subbasta li saret fit-30 ta' April 1999 fl-atti tas-Subbasta Numru 429/1999 fl-ismijiet* ***Car Care Products Limited v. Fenech Oil & Petroleum Company Limited****, kompriż l-aġġudikar tal-Barge lis-soċjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited, huwa null u mingħajr ebda effett.*

*2) Tiddikjara mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-istess socjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited bħala offerenti 'animo compensandi' ma setgħetx tieħu pussess tal-Barge inkwistjoni qabel isiru ċedola animo compensandi u l-approvazzjoni tagħha, kif ukoll illi fin-nuqqas tal-istess ċedola, il-Barge ma setgħetx tiġi finalment liberata u konsenjata a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-****Artikoli 331****,* ***337*** *u* ***328 tal-Kapitolu 12****.*

*3) Tiddikjara konsegwentement illi s-socjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited ma għandha l-ebda jedd jew titolu fuq il-Barge bl-isem 'Marsaxlokk' u li l-pussess tagħha tal-istess Barge huwa wieħed illegali u abbużiv.*

*4) Tikkundanna għalhekk lis-socjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited sabiex tirrestitwixxi l-istess Barge lis-soċjetà attriċi bħala l-proprjetarja tal-istess Barge u dan f'terminu qasir u perentorju li jiġi ffissat għal dan l-iskop.*

*5) Tiddikjara ulterjorment illi minħabba dolo, negliġenza u traskuraġni tas-socjetà konvenuta Euch. Zammit and Company Limited waqt li l-Barge bl-isem 'Marsaxlokk' kienet fil-pussess del resto illegali tagħha, l-istess Barge iddeterjorat.*

*6) Tordna lis-soċjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited sabiex tirripristina l-Barge bl-isem 'Marsaxlokk' fl-istess stat li kienet meta ġiet meħuda mill-istess socjetà konvenuta wara l-atti tas-Subbasta Numru 429/1996 fit-30 ta' April 1997, jew tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà attriċi fil-Barge inkwistjoni, okkorrendo permezz tal-opra ta' periti nominandi.*

*7) Tikkundanna lis-socjetà konvenuta Euch. Zammit Company Limited sabiex tħallas lis-socjetà attriċi d-danni hekk likwidati.»*

15. Il-kumpanija konvenuta EZCL ressqet risposta maħlufa fid-29 ta' Ottubru, 2015, u eċċepiet:

*«1. Illi in linea preliminari l-ewwel talba attriċi hija insostenibbli u improponibbli permezz tal-proċeduri odjerni u dana stante li tali talba hija ġa mertu ta' kawża oħra pendenti bejn l-istess partijiet u ċjoè dik fl-ismijiet* ***Fenech Oil And Petrolium Limited -vs- Car Care Products Limited et*** *(CIT Nru. 1000/1999 SM) u dana kif del resto jirriżulta mill-istess rikors ġuramentat odjern.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, in linea preliminari, it-tieni talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li s-soċjetà attriċi qed tiċċita bħala bażi ta' tali talba l-***Artikoli 331, 337** *u* **338** *hekk kif viġenti llum, filwaqt li l-Artikoli inkwistjoni hekk kif viġenti fil-mument li saret is-subbasta inkwistjoni u l-eventwali liberazzjoni ma kinux jeħtieġu li ssir ċedola.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, in linea preleminari wkoll, stante li t-tielet u raba' talbiet huma dipendenti mit-tieni talba, dawn għandhom wkoll jiġu miċħuda.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti hija preskritta ai termini tal-***Artikolu 356(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta***).*

*5. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti hija preskritta ai termini tal-***Artikolu 2086 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta***).*

*6. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-***Artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta***).*

*7. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit is-soċjetà eċċipjenti akkwistat il-barge inkwistjoni in buona fede mingħand min kien kompetenti li jittrasferiha u l-istess soċjetà eċċipjenti żammet il-pussess tal-istess barge in buona fede sa mid-data ta' liberazzjoni. Illi għalhekk għandhom japplikaw prinċipji ta'* ***l-Artikolu 558(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).***

*8. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fi kwalsiasi każ l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal***-Artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).***

*9. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kwalsiasi talba għad-danni daparti tas-soċjetà attriċi hija preskritta ai termini tal-***Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta***).*

*10. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-istess soċjetà*

*attriċi rrikonoxxiet it-titolu tas-soċjetà eċċipjenti fuq il-barge inkwistjoni u dana kif ser jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*11. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni odjerna hija b'mod lampanti waħda frivola u vessatorja u dana stante li minkejja l-fatt li l-barge inkwistjoni ġiet liberata favur is-soċjetà eċċipjent fit-30 ta' April 1999, is-soċjetà attriċi ma ħadet l-ebda passi jew azzjonijiet legali kontra s-soċjetà eċċipjenti jekk mhux fis-sena 2013 meta talbet li s-soċjetà eċċipjenti tiġi kjamata fil-kawża fl-ismijiet "**Fenech Oil And Petroleum Limited -vs- Car Care Products Limited**" (CIT Nru. 1000/1999).*

*12. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni attriċi hija waħda għalkollox frivola u vessatorja u dana kif ser jiġi wkoll aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana stante li fost l-oħrajn kemm soċjetà attriċi kif ukoll dik konvenuta Car Care Products Limited għandhom direttur in komuni bejniethom u ċjoè Michael Angelo Fenech, li l-aġir u kompartment tiegħu matul il-proċeduri tas-subbasta de quo u dawk ġudizzjarji konnessi ma kienu xejn affattu "limpidi".*

*13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

16. Il-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha permezz tar-risposta maħlufa tad-9 ta' Novembru, 2015, li fiha ngħad:

*«1. Illi l-kumpanija esponenti Car Care Products Limited m'għadx għandha interess fis-subbasta merti tal-kawża odjerna u konsegwentement lanqas fil-proċeduri odjerni u għalhekk tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni savja ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

*2. Illi għalhekk il-kumpanija esponenti m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas ebda spejjeż.*

*3. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mill-kumpanija esponenti skont il-liġi.»*

17. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Settembru, 2023, il-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-

konvenuti u ċaħdet it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi kif imressqa, bl-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu kollha mill-kumpanija attriċi.

18. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«24. Jirriżulta illi, permezz ta' subbasta Nru 429/1999 mibdija mis-socjetà intimata Car Care Products Limited u li sussegwentement tkompliet fuq talba tas-socjetà intimata Euch Zammit Company Limited, inbiegħ il-barge bl-isem ta' 'Marsaxlokk' illi kien preċedentement proprjetà tas-socjetà rikorrenti Fenech Oil and Petroleum Limited.*

*25. Jirriżulta illi s-subbasta saret fit-30 ta' April 1999 u s-socjetà intimata Euch Zammit Company Limited, dak iż-żmien imsejjħa Euch Zammit & Sons Limited, ġiet aġġudikata l-Barge versu l-prezz ta' Lm2,250.*

*26. Jirriżulta illi, permezz ta' proċeduri mibdija fl-1 ta' Mejju 1999 quddiem il-Prim'Awla Qorti Ċivili, Ċitazzjoni Nru 1000/99, is-socjetà rikorrenti fetħet proċeduri kontra s-socjetà intimata Car Care Products Limited, u sussegwentement is-socjetà Euch Zammit Company Limited, li ġiet kjamata in kawża, sabiex jiġi dikjarat illi l-liberazzjoni tal-barge bl-isem ta' "Marsaxlokk' tiġi dikjarata nulla u sabiex is-subbasta fuq imsemmija tiġi sospiża sakemm tiġi deċiża kawża bin-numru 2368/98 illi s-soċjetà rikorrenti fetħet kontra s-soċjetà Car Care Products Limited sabiex tannulla sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 1993 u illi abbażi tagħha s-soċjetà Car Care Products Limited nediet il-proċeduri ta' subbasta.*

*27. Jirriżulta illi l-kawża fuq imsemmija kienet qiegħda tinstema' minn dina l-Qorti, kif ippreseduta u l-kawża odjerna inġiebet quddiem dina l-Qorti sabiex tinstema' u tiġi deċiża kontemporanjament mal-proċeduri 1000/99 li kienet ġa qiegħda tisma'.*

*28. Jirriżulta illi, permezz ta' sentenza mogħtija illum stess, din il-Qorti ddikjarat illi l-liberazzjoni tal-barge "Marsaxlokk" ma kienx null u bla effett u għalhekk hija wkoll ma ssospendietx il-proċeduri tas-subbasta 429/1999.*

*29. Jirriżulta illi, waqt illi kienet għaddejja l-kawża 1000/99, intavolata mis-socjetà rikorrenti, l-istess socjetà rikorrenti ħasset illi kellha tippreżenta l-proċeduri odjerni fejn, fost affarijiet oħra, talbet mill-ġdid, din id-darba lil dina l-Qorti, sabiex jiġi dikjarat illi l-liberazzjoni tal-bastiment kien null u bla effett.*

*30. Il-Qorti tosserva illi, fis-sentenza mogħtija illum stess fil-kawża 1000/99, għar-raġunijiet hemm indikati, dina l-Qorti ddikjarat illi s-subbasta seħħet b'mod korrett u illi, għalhekk, il-liberazzjoni tal-bastiment a favur tas-socjetà Euch Zammit & Sons Limited, illum Euch Zammit Company Limited, kienet waħda legalment korretta.*

*31. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha assolutament ebda raġuni għaliex, mill-ġdid terġa' tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li wassluha għall-konklużjoni li l-liberazzjoni li seħħet fit-30 ta' April 1999 kienet waħda korretta, u għalhekk, tiċħad it-talbiet kollha fejn dawn jirrigwardaw tali vertenza.*

*Ikkunsidrat*

*32. Jirriżulta wkoll illi, permezz ta' talbiet oħra tas-socjetà rikorrenti, preċiżament il-ħames, sitt u sebgħa talbiet, l-istess socjetà rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Euch Zammit & Company Limited bħala responsabbli għad-danni versu s-soċjetà rikorrenti tal-ħsarat kollha illi sofriet il-barge u għalhekkk tagħmel tajjeb għall-istess.*

*33. Jirriżulta illi, skont kif xehed Michael Angelo Fenech fl-affidavit tiegħu, id-danni pretiżi mis-socjetà rikorrenti kienu ta' madwar €80,000 bħala valur tal-barge innifsu, kif ukoll is-somma ta' madwar €25,500 fis-sena (ekwivalenti għal $27,000) bejn is-sena 1999 sad-data tas-sentenza. Jiġifieri, fuq perjodu ta' erbgħa u għoxrin sena, it-telf minnu pretiż kien ta' €612,000.*

*34. Jirriżulta, għalhekk, illi d-danni totali pretiżi mis-socjetà rikorrenti kien ta' €692,000, u tali somma qiegħda tiġi hawnhekk speċifikatament indikata a fini ta' tassazzjoni għar-Reġistratur tal-Qorti.*

*35. Dwar tali talbiet għad-danni, il-Qorti hawnhekk tibda billi tosserva illi, sabiex tali bażi ta' azzjoni tirnexxi, jeħtieġ, l-ewwel u qabel kollox, li jiġi ppruvat illi l-barge 'Marsaxlokk' kienet attwalment proprjetà tas-socjetà rikorrenti.*

*36. Issa, jirriżulta ċar li, permezz ta' subbasta Nru 429/96 finalizzata fit-30 ta' April 1999, minkejja kull kuntrumbajsa legali illi setgħet toħlom biha s-soċjetà rikorrenti u r-rappreżentant tagħha, il-barge 'Marsaxlokk' ġiet liberata a favur tas-soċjetà Euch Zammit & Sons Limited, illum Euch Zammit Company Limited.*

*37. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi ladarba l-barge 'Marsaxlokk' ma huwiex aktar proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà rikorrenti ċertament ma tistax titlob riżarċiment għal danni minnha pretiżi fuq ħsarat u non-uso tal-bastiment.*

*38. Tistqarr, dina l-Qorti, illi hija ferm aktar probabbli u possibbli illi s-socjetà intimata Euch Zammit Company Limited għandha jedd titlob għad-danni mingħand is-soċjetà rikorrenti Fenech Oil & Petroleum Co. Limited riżultat tan-non uso tal-barge 'Marsaxlokk', liema barge jidher illi qatt ma ntuża u jinsab fi stat ħażin tant illi s-Surveyor imqabbad mill-Qorti, Anthony Dalli, iċċertifika illi hija 'beyond economical repair'!*

*39. Għaldaqstant, it-talbiet tas-socjetà rikorrenti għal danni mingħand is-socjetà Euch Zammit Company Limited ma jistgħux jiġu kkunsidrati favorevolment.*

*Ikkunsidrat*

*40. Il-Qorti, finalment, tosserva illi, fil-proċeduri odjerni, mibdija fit-2 ta' Ottubru 2015, is-soċjetà rikorrenti mexxiet il-proċeduri fil-konfront tas-soċjetà Car Care Products Limited.*

*41. Jirriżulta, madanakollu, illi fit-28 ta' Mejju 2009, l-istess soċjetà rikorrenti kienet wasslet fi transazzjoni mas-soċjetà Car Care Products Limited u l-proċeduri minnha mibdija permezz ta' Ċitazzjoni Nru 2368/98 kontra l-istess soċjetà Car Care Products Limited ġew minnha stess ċeduti.*

*42. Għalhekk, il-Qorti ftit li xejn tista' tifhem 'għaliex is-socjetà rikorrenti pproċediet kontra s-socjetà Car Care Products Limited, partikolarment meta, t-talbiet illi jirrigwardaw in-nullità o meno tas-subbasta kienu ġa l-meritu tal-kawża 1000/99 li kienu nbdew sittax-il sena qabel!*

*43. Il-Qorti ser tqis dawna l-fatti fil-kap tal-ispejjeż.*»

19. Dakinhar tal-imsemmija sentenza ġew deċiżi wkoll il-proċeduri li jġibu referenza 1000/1999, li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien mal-kawża taħt eżami, li qegħdin jiġu deċiżi llum ukoll.

20. Il-kumpanija attriċi ressqet appell permezz ta' rikors tal-24 ta' Ottubru, 2023 u dan fuq l-aggravji li saret: (i) applikazzjoni skorretta tal-liġi; (ii) apprezzament żbaljat tal-provi; u (iii) kummenti superfluwi li

mhumiex sostnuti mill-provi li ser jaffettwaw lill-kumpanija attriċi b'mod negattiv.

21. Il-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited wieġbet permezz ta' nota fl-atti tal-appell li hija tirrimetti ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti.

22. Min-naħa l-oħra l-kumpanija msejħa fil-kawża Euch. Zammit Company Limited wieġbet għall-imsemmi appell b'risposta tal-4 ta' Diċembru, 2023 fis-sens illi din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u tiċħad l-appell tal-kumpanija appellanti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

23. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

24. Il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet analiżi mgħaġġla tal-fatti, hekk kif straħet fuq dak li ġie deċiż fil-kawża li ġġib referenza 1000/1999, fejn qieset li ġaladarba l-kumpanija attriċi ppreżentat rikors fl-atti tal-bejgħ bl-irkant jumejn qabel ma kellu jsir il-

bejgħ, in-nuqqasijiet proċedurali kollha li bihom kienet imċappsa s-subbasta ġew irranġati. Issostni li l-analoġija magħmula mill-Ewwel Qorti, fejn qabblet proċeduri ta' bejgħ bl-irkant mal-proċedura tan-notifika skont **l-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda monka. Dan jingħad peress li l-għan tan-notifika f'kawża huwa li l-imħarrek jiġi notifikat, il-proċeduri tas-subbasta huma maħsuba sabiex ikunu mgħarrfa mhux biss id-debitur, iżda numru ta' persuni oħra, sabiex jiġi assigurat li l-proprjetà suġġett tal-bejgħ iġġib l-aħjar prezz possibbli. Għalhekk, issostni li l-fatt li d-debitur iressaq rikors fejn jitlob rimedju, ma jissanax in-nuqqas ta' notifika tas-subbasta skont il-liġi, iżda l-proċedura tibqa' waħda monka.

25. Il-kumpanija appellanti tislet mill-ġurisprudenza sabiex issostni li, in-nuqqasijiet proċedurali kienu wkoll ta' sustanza, hekk kif sarrfu fi preġudizzju għaliha, kif irriżulta mill-fatt li l-barkun inbiegħ għall-prezz ta' Lm2,250, meta ftit snin qabel kien stmat li jiswa Lm49,130. Dan meta huwa prinċipju aċċettat li r-regoli preċiżi li jirriżultaw mill-Kodiċi ta' Proċedura għal kull fażi tal-bejgħ ġudizzjarju jeħtieġ li jiġu mħarsa *ad unguem.*

26. Filwaqt li l-kumpanija attriċi appellanti tagħmel rassenja ta' dak li jingħad minnha huma l-fatti u provi oħra li tqis relevanti għall-mertu tal-kawża, tislet dawk il-provvedimenti tal-liġi li kienu applikabbli għall-bejgħ

bl-irkant mertu tal-proċeduri taħt eżami. Hija ssostni li kien hemm is-segwenti nuqqasijiet fil-bejgħ bl-irkant tal-barkun taħt eżami: (i) li ma saritx in-notifika lid-debitriċi bid-digriet li bih ġie ordnat il-bejgħ; (ii) li konsegwentement il-Qorti ma setgħetx anqas tappunta ġurnata għall-bejgħ bl-irkant, jumejn min-notifika tad-digriet; (iii) li ma saritx in-notifika lid-debitur u lill-kreditur eżekutant tal-avviż tal-ġurnata tal-bejgħ; (iv) li ma saritx il-pubblikazzjoni tal-avviż f'gazzetta lokali; (v) li minkejja li sar rikors sabiex il-persuna li mhix l-eżekutant tkun tista' toffri *animo compensandi,* il-permess ma jistax jingħata sakemm dik il-persuna tobbliga ruħha li tiddepożita l-prezz jekk jiġi hekk deċiż mill-Qorti; (vi) li ma saritx talba mix-xerrej *animo compensandi* fi żmien sebat ijiem għall-approvazzjoni tat-tpaċija, li kellha ssir permezz ta' rikors li jiġi notifikat lid-debitur; (vii) li ladarba x-xerrej ma kienx l-eżekutant, kellu jsir depożitu tal-ispejjeż li jkun għamel l-eżekutant; (viii) li l-kunsinna ssir bl-approvazzjoni tat-tpaċija; u (ix) li l-barkun seta' jiġi trasferit biss permezz ta' att tal-bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti u tkun l-istess Qorti li taħtar persuna sabiex tiffirma l-att tal-bejgħ.

27. L-appellanti tisħaq li lil hemm mill-fatt li r-regoli proċedurali għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż, dawn huma ta' ordni pubbliku, li qegħdin hemm sabiex jiġi assigurat li ħadd mill-partijiet ma jsofri preġudizzju. Fid-dawl tan-nuqqasijiet serji u numerużi li bihom kienet milquta s-subbasta, l-appellanti ssostni li l-ewwel Qorti kienet legalment u fattwalment żbaljata meta waslet għall-konklużjonijiet tagħha u li l-

eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpanija konvenuta EZCL, mhumiex mistħoqqa, inkluż dawk tal-preskrizzjoni li ssostni li japplikaw għall-proprjetà immobbli.

28. Il-kumpanija appellanti ssostni li l-kumpanija appellata EZCL ħadet il-pussess tal-barkun b'mod illegali, peress li l-proċeduri adottati minnha kienu monki u miżgħuda b'nuqqasijiet li jirriżultaw meħtieġa mil-liġi. Jingħad li l-kumpanija EZCL kellha ċertu żelu sabiex tieħu l-pussess tal-barkun, tant li ġie rmunkat f'ħin qasir. Barra minn hekk, tixli lil EZCL li la talbet l-approvazzjoni tal-Qorti sabiex isseħħ it-tpaċija, la ddepożitat l-ispejjeż li jkun għamel il-kreditur eżekutant għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu u għall-irkant u lanqas ġie ffirmat att tal-bejgħ tal-barkun ma' persuna nominata mill-Qorti għal dan il-għan. Għalhekk jingħad mill-appellanti, li minkejja dawn in-nuqqasijiet kollha li kienet taħti għalihom il-kumpanija konvenuta EZCL, hija għaddiet sabiex tieħu l-barkun taħt idejha mill-aktar fis. L-appellanti tixli lill-kumpanija konvenuta li kienet taf bil-Mandat ta' Inibzzjoni li sar fil-konfront ta' CCPL u r-Reġistratur tal-Qrati u li naqset milli tħallas in-notifiki meħtieġa fil-liġi bi skop. Dan meta akkwistat barkun li kien stmat Lm49,130, bil-prezz ta' Lm2,250 u saħanstra tibqa' tippretendi ħlas tal-bilanċ ta' €8,865.13.

29. Minkejja li l-kumpanija EZCL tipprova tpinġi stampa fejn hija ħadet fil-pussess tagħha barkun fi stat diżastruż, l-appellanti tisħaq li dan jinsab

merut mix-xhieda tal-Inġinier Paul Cardona u r-rapporti li għamel u mill-istess deskrizzjoni mogħtija mill-Marixxal tal-Qorti li ddeskriva l-barkun bħala "*Tanker taż-żejt tal-baħar, komplut bil-magni li qiegħed fil-port tal-Kalkara.*" Ir-rappreżentant tal-kumpanija attriċi xehed li dan il-barkun baqa' fil-pussess tagħha sas-sena 1999, meta mbagħad inbiegħ bis-subbasta u li l-barkun kien għadu jopera tant li minnu l-kumpanija attriċi kellha dħul ta' madwar $27,000 fis-sena - fatt li baqa' inkontestat mill-appellata, salv għal kweżit li għamlet dwar l-ispejjeż.

30. Il-kumpanija appellanti tgħaddi sabiex tagħmel ukoll ilmenti dwar id-danni li tippretendi, fosthom il-valur tal-barkun, fl-1999 li kien ta' madwar €70,000, bl-imgħax minn dik id-data; id-danni minħabba it-telf ta' qligħ ta' madwar $27,000 fis-sena, li huma ekwivalenti għal €27,600 fis-sena, b'dan illi b'rispett għall-benefiċċju tal-eżami doppju, f'każ li din il-Qorti ssib li għandha tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi, għandha tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti, sabiex jiġu deċiżi l-kumplament tat-talbiet tagħha.

31. Filwaqt li l-kumpanija attriċi appellanti tfisser għala fil-fehma tagħha kellhom jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija konvenuta EZCL, tisħaq li meta l-Ewwel Qorti għamlet sunt ta' dawk id-danni li kienet qiegħda tippretendi l-attriċi, hija żbaljat fil-figuri msemmija fis-sentenza appellata u għalhekk tisħaq li f'każ li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata, jiġi newtralizzat il-kumment magħmul mill-Ewwel Qorti fejn

filwaqt li kkalkulat it-total tad-danni bbażat fuq figuri żbaljati, għaddiet sabiex tgħid li dawn il-kalkoli kienu qegħdin isiru għall-fini ta' tassazzjoni.

32. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li wieħed ma jistax ma jinnutax li l-kumpanija appellanti damet xejn inqas minn sittax-il sena sabiex tressaq din il-kawża fil-konfront tal-kumpanija EZCL li xtrat il-barkun inkwistjoni permezz tal-bejgħ bl-irkant. Dan meta permezz tal-proċeduri li jġibu referenza 1000/99 inbdew fl-1999, hija kienet qiegħda tattakka l-bejgħ bl-irkant tal-barkun u tgħid li dan, flimkien mal-liberazzjoni li saret favur terzi kienu nulli. Tassew hija setgħet b'mod faċli tivverifika mill-atti tal-bejgħ bl-irkant favur min kien liberat il-barkun permezz tal-bejgħ bl-irkant u mhux tistenna dawn is-snin kollha sabiex tieħu passi fil-konfront ta' dawn it-terzi. Dan meta l-istess rappreżentant tal-kumpanija attriċi xehed li huwa kellu kopja tal-inkartament tal-atti tas-subbasta sa minn *"ħafna żmien ilu"*[1]!

33. Sewwa jingħad ukoll mill-kumpanija appellata EZCL, li parti kbira mill-appell f'din il-kawża huwa riproduzzjoni tal-appell li sar fil-proċeduri 1000/99, li qegħdin jiġu deċiżi llum ukoll. Sa fejn l-appell tal-kumpanija appellanti huwa ripetizzjoni ta' dak li sar fil-proċeduri 1000/99, jiġifieri f'dak li għandhom x'jaqsmu t-talbiet attriċi f'dik il-kawża, li jiġu dikjarati nulli u bla effett il-proċeduri tas-subbasta numru 429/1996 u l-liberazzjoni li seħħet tal-barkun b'konsegwenza tal-istess subbasta, sa fejn kien

[1] Ara paġna 483 tal-proċess 1000/1999.

hemm nuqqasijiet proċedurali fit-tmexxija tas-subbasta*,* jew sa fejn intalbet is-sospensjoni tal-istess proċeduri tas-subbasta*,* din il-Qorti mhux ser toqgħod tirrepeti l-konsiderazzjonijiet magħmula minnha fis-sentenza 1000/99 li qiegħda tiġi deċiża llum ukoll. Din il-Qorti tagħmel sempliċi referenza għal dak li ngħad minnha f'dik is-sentenza u tgħid li l-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu għal dan l-appell sa fejn huwa ripetizzjoni ta' dak li ngħad fl-ieħor.

34. Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi minnufih sabiex tikkunsidra l-ilmenti tal-kumpanija appellanti minn paragrafu 24 'il quddiem tal-appell tagħha fejn tixli lill-kumpanija konvenuta EZCL li ħadet pussess illegali tal-barkun. Jiġi osservat li fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, il-kumpanija appellata EZCL kienet awtorizzata li toffri *animo compensandi*[2]. Huwa minnu li fid-digriet tal-Qorti li awtorizzat lil EZCL toffri *animo compensandi*, kien ġie ordnat ukoll li jsiru n-notifiki skont il-liġi. Madankollu, kif rajna fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza 1000/1999, il-liġi ma teħtiġx li ssir in-notifika ta' dak ir-rikors lid-debitur (ara **Artikolu 333 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Hekk ukoll, il-liġi tħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi jekk it-talba magħmula minn kreditur (li ma jkunx l-eżekutant) li jagħmel offerta *animo compensandi* tkunx marbuta b'xi kundizzjoni (depożitu tal-prezz) u

[2] Ara digriet tal-Qorti tat-28 ta' Settembru, 1998, esibit f'paġna 278 tal-proċess 1000/1999.

għalhekk ma kinitx ħtieġa proċedurali, kif tittanta targumenta l-appellanti (ara **Artikolu 334 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).**

35. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li l-liġi kif kienet fiż-żmien rilevanti, kienet teħtieġ li ssir it-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija fi żmien sebat ijiem, li jsir id-depożitu tal-ispejjeż li jkunu saru mill-eżekutant u li t-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija tiġi notifikata lid-debitur, kienu meħtieġa li jsiru (skont l-**Artikoli 337** u **338 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Madankollu, kif rajna lanqas jista' jingħad li l-liġi kienet tipprovdi li dan in-nuqqas iwassal għan-nullità tal-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant, nullità li f'kull każ kellha tkun espressament dikjarata mil-liġi. Jiġi preċiżat ukoll li sewwa jingħad mill-kumpanija appellata, li fiż-żmien rilevanti meta seħħ il-bejgħ bl-irkant, il-liġi ma kenitx teħtieġ il-preżentata ta' ċedola ta' kompensazzjoni.

36. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li l-kunsinna tal-barkun f'dan il-każ, għaddiet minnufih mal-liberazzjoni tal-barkun favur il-kumpanija konvenuta EZCL. Dan jingħad peress li l-**Artikolu 331(3)** jipprovdi li l-qorti <u>tista' tagħmel dawk l-ordnijiet li hija tqis li jkunu xierqa sabiex tiżgura li l-proprjetà liberata tiġi konsenjata lix-xerrej minnufih malli x-xerrej jagħmel dik il-garanzija li l-qorti tista' tistabbilixxi biex tħares it-talbiet tal-partijiet</u>. F'dan il-każ, il-marixxal tal-Qorti ġie ordnat li jwettaq il-bejgħ bl-irkant, mingħajr ebda kundizzjoni jew kwalifika, għalhekk tabilħaqq jitqies li l-kunsinna twettqet minnufih mal-liberazzjoni tal-barkun favur il-

kumpanija konvenuta EZCL, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra. Fin-nuqqas ta' prova li l-barkun kien reġistrat skont l-**Att dwar il-Bastimenti Merkantili** l-argument tal-appellanti, li l-barkun seta' jiġi trasferit biss b'att ta' bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti, ma jistax jitqies ta' fejda għall-aggravju tagħha.

37. Lanqas jista' jiġi mwarrab il-fatt, li kif jingħad mill-kumpanija konvenuta, hija mhux biss akkwistat il-barkun b'*rieda tajba*, fl-ewwel lok peress li akkwistat il-barkun taħt l-awtorità tal-Qorti, iżda barra minn hekk, il-kumpanija konvenuta baqgħet fil-pussess tal-istess barkun għal ħmistax-il sena sħaħ qabel ma ġiet imsejħa fil-kawża li ġġib referenza 1000/1999! Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, ma tirriżultax prova fl-atti li l-kumpanija konvenuta appellata kienet taf bil-Mandat ta' Inibizzjoni li sar fil-konfront tal-kumpanija Car Care Products Limited u r-Reġistratur tal-Qorti, li sar wara li kien sar il-bejgħ bl-irkant tal-barkun.

38. F'kull każ, kif jipprovdi l-**Artikolu 532 tal-Kodiċi Ċivili**, għandu dejjem jingħad li wieħed għandu rieda tajba u min jeċċepixxi r-rieda ħażina, għandu jippruvaha. Ingħad ukoll fil-ġurisprudenza li, jeħtieġ li ssir il-prova tar-rieda ħażina tal-pussessur fil-mument li jsir l-akkwist tkun waħda ċerta u attendibbli. Tant li f'każ ta' dubju raġonevoli, dan għandu jmur favur il-pussessur akkwirent, għaliex f'dawn iċ-ċirkostanzi, kellha tipprevali l-preżunzjoni tal-bona fidi (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell

tal-31 ta' Mejju, 2000, fl-ismijiet ***Dr Gavin Gulia nomine v. Sergio Zampa proprio et nomine*** msemmija u adottata fis-sentenza fl-ismijiet ***Miriam Cremona et v. Eucharist Bajada et*** tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Novembru, 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2014). F'dan il-każ ukoll, ma saret ebda prova li tegħleb il-preżunzjoni ta' bona fidi taħt l-**Artikolu 532 tal-Kodiċi Ċivili**.

39. Ma jirriżultax lanqas li l-kumpanija EZCL għaddiet sabiex iżżarma l-barkun peress li kienet taf bl-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni, kif jingħad mill-appellanti. Jibqa' dejjem siewi l-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* jiġifieri li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tal-kumpanija attriċi li tressaq provi tajba biżżejjed sabiex issostni l-każ tagħha. Madankollu fil-każ taħt eżami, minkejja l-allegazzjonijiet li jitressqu mill-kumpanija attriċi fir-rikors tal-appell tagħha, dawn ma jsibux sostenn fil-provi. Ladarba l-prinċipju huwa li min jallega jrid jipprova, dan l-argument tal-appellanti ma jitqisx bħala wieħed tajjeb.

40. Anzi rriżulta li minkejja li l-kumpanija appellata nnotifikat lil dik attriċi bl-ittri uffiċjali sabiex tgħarrafha bil-bilanċ dovut lilha, b'referenza ċara għat-tpaċija li saret bis-saħħa tal-liberazzjoni tal-barkun li seħħ fit-30 ta' April, 1999, din it-tpaċija qatt ma ġiet kontestata qabel il-proċeduri odjerni, jiġifieri aktar minn ħmistax-il sena wara li saret il-liberazzjoni tal-barkun

favur il-kumpanija konvenuta. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li l-kumpanija attriċi ma rnexxiliex tipprova l-mala fidi tal-kumpanija konvenuta EZCL. Isegwi li l-argument tal-kumpanija appellanti li l-kumpanija konvenuta appellata akkwistat il-barkun b'metodu illegali ma jirriżultax minnu.

41. Hekk ukoll, dwar l-istat tal-barkun fil-mument li l-kumpanija konvenuta ħadet il-pussess tiegħu, ta' min josserva li l-aħħar spezzjoni li saret mill-Inġinier Paul Cardona kienet fl-1987[3], jiġifieri tnax-il sena qabel il-bejgħ bis-subbasta. Saħansitra meta għamel l-istima tal-imsemmi barkun fis-somma ta' Lm49,130 kien fl-1985[4] jiġifieri madwar erbatax-il sena qabel il-bejgħ bl-irkant u għalhekk qajla tista' titqies bħala stima tajba għall-iskop tal-bejgħ bl-irkant, kif ukoll anqas tixhed l-istat attwali li fih kien jinsab il-barkun fil-mument tas-subbasta. L-aqwa prova li setgħet tressaq il-kumpanija attriċi dwar il-valur tal-barkun, kien billi hekk kif skattaw il-proċeduri ta' subbasta, titlob li ssir stima (kif kien jipprovdi l-**Artikolu 307(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Dan m'għamlitux u issa ma tistax issejjes il-pretensjonijiet tagħha fuq konġetturi.

42. Il-kumpanija attriċi tipprova targumenta li l-barkun kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u tistrieħ fuq dak li ngħad mill-marixxal li wettaq il-

[3] Ara Dok. PC 2 f'paġna 76 tal-proċess.
[4] Ara Dok. PC 1 f'paġna 69 tal-proċess.

mandat ta' qbid li ddeskriva l-barkun bħala "*Tanker taż-żejt tal-baħar, komplut bil-magni li qiegħed fil-port tal-Kalkara*". Madankollu, il-kumpanija konvenuta ressqet ix-xhieda ta' tliet impjegati minn tagħha[5] li ddeskrivew l-istat tal-barkun meta dan ġie rmunkat mill-Kalkara, fejn filwaqt li jingħad minnhom li l-barkun kien qiegħed iżomm f'wiċċ l-ilma, kellu l-gverta tiegħu kienet mherrija, kollha mtaqba u kellhom użaw pompa sabiex irmunkaw il-barkun fil-vjaġġ mill-Kalkara għall-Marsa, peress li kien dieħel l-ilma.

43. F'każ ta' verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qrati jisiltu mill-verżjoni tal-partijiet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Minkejja li r-rappreżentant tal-kumpanija attriċi jisħaq li kienet issir il-manutenzjoni tal-barkun b'mod regolari qabel ma saret is-subbasta (dan meta jirriżulta li l-istess barkun kien milqut bil-mandat ta' qbid tal-inqas tliet snin qabel ma saret is-subbasta*)*, ma tressqet l-ebda prova li ssostni li kienet issir din il-manutenzjoni regolari tal-barkun, bħal pereżempju xhieda ta' min kien iwettaq il-manutenzjoni, jew xi rċevuti b'rabta mal-istess manutenzjoni. Hekk ukoll, għalkemm ir-rappreżentant tal-kumpanija attriċi jsostni li kienu jagħmlu qligħ ta' madwar $27,000 fis-sena[6], iżda għal darb'oħra la tressqu provi bħall-kontijiet eżaminati minn awditur tal-kumpanija li jixhdu dan il-qligħ[7] u lanqas tressqet xi dikjarazzjoni tat-taxxa li ssostni dak li jingħad mill-appellanti.

---

[5] Ara xhieda ta' Joseph Grech, Paul Grech u Joseph Zammit f'paġni 193 u 194 tal-proċess.
[6] Ara paġna 172 tal-proċess.
[7] Anzi r-rappreżentanta tal-*Malta Business Registry* xehdet li l-kumpanija attriċi qatt ma daħħlet il-kontijiet tagħha, u li tant kien hemm nuqqasijiet li kienet ser tiġi *struck off* taħt id-*defunct procedure* – ara wara tal-paġna 212 tal-proċess.

44. Jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment maqsum bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kif ukoll fuq il-konvenut, b'sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex kif ingħad, *"jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta"* – (ara s-sentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi***). Iżda l-prinċipju kien, u jibqa', illi l-Qorti tiddeċiedi *iuxta allegata et probata*. Dan ifisser li d-deċiżjoni tal-ġudikant għandha tkun imsejsa mhux biss fuq l-allegazzjoni tal-partijiet, jiġifieri, minn dak li jingħad minnhom fir-rikors promotur jew mill-eċċezzjonijiet, iżda wkoll mill-provi mressqa mill-partijiet. Isegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li fejn il-fatt allegat ma jirriżultax ippruvat, il-Qorti m'għandhiex tirrikorri għall-konġetturi, meta min jallega l-fatt kellu l-opportunità kollha li jressaq provi sabiex isostni dak il-fatt u tali provi kienu disponibbli għalih.

45. Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi li jsostnu b'mod ċar dak li jingħad mill-kumpanija attriċi, fis-sens li l-barkun iddeterjora kemm ilu fil-pussess ta' EZCL, minħabba *dolo*, negliġenza u traskuraġni tagħha stess, din il-

Qorti qajla ssib li l-verżjoni tal-appellanti bħala waħda ta' min joqgħod fuqha.

46. Fil-verità, ġaladarba ma jitqiesx li l-ewwel ħames talbiet attriċi huma siewja, fis-sens li la hemm lok li l-proċeduri tas-subbasta jiġu dikjarati nulli, u la hemm lok li jingħad li l-kumpanija konvenuta EZCL ħadet il-pussess tal-barkun b'mod abbużiv jew illegali, lanqas hemm lok għalfejn din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-pretensjonijiet attriċi għad-danni. Dan jgħodd kemm għal dawk li huwa valur tal-barkun innifsu fil-mument tal-bejgħ bl-irkant taħt l-ordni tal-Qorti, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam it-telf ta' qligħ li dwaru tilmenta l-appellanti.

47. F'kull każ jiġi nnutat, li lil hemm minn dak li ngħad qabel dwar l-istima tal-Inġinier Cardona, l-istimi mressqa mir-rappreżentant tal-kumpanija attriċi minn riċerka li saret minnu, ma tantx huma ta' fejda, fl-ewwel lok peress li ma jistax jingħad li qiegħed isir paragun ma' braken li huma simili jew paragunabbli għal dak suġġett tal-kawża[8]. Kif ukoll, wieħed ma jistax iwarrab dak li ngħad mill-espert inkarigat mill-Ewwel Qorti fis-sens li ngħad minnu:

> *«Ma nistax nagħti valur ta' kemm ikun jiswa għaliex huwa antik u ma humiex fis-suq…*

---

[8] Mis-*survey* tal-Inġinier Cardona rriżulta li l-barkun in eżami ma kienx wieħed klassifikat, kif ukoll, lanqas jirriżulta li l-barkun taħt eżami seta' jbaħħar barra mill-ibħra Maltin, filwaqt li bosta mill-eżempji li tittanta tressaq l-attriċi huma klassifikati (ara paġni 176 u 178), kif ukoll setgħu jbaħħru dawk il-bastimenti jew *tankers* li tressaq l-appellanti bħala eżempji (ara paġni 174 u 179)

> *…Il-valur ta' dan il-barge, kieku kellu jkun fi stat pristin, minħabba ż-żmien li għandu, il-market value xorta jkun baxx ħafna. Ma hemmx domanda fis-suq għalihom dawn it-tip ta' barges[9].»*

48. Hekk ukoll, għar-raġunijiet imfissra qabel, lanqas huma sostanzjati l-pretensjonijiet tal-kumpanija attriċi appellant fir-rigward tal-allegat telf ta' qligħ.

49. Din il-Qorti lanqas tqis il-kummenti li għamlet l-Ewwel Qorti meta ngħata każ tad-danni sostanzjali li kienet qiegħda tippretendi l-appellanti, bħala superfluwi, hekk kif ingħad minnha li d-danni li kienet qiegħda tippretendi l-kumpanija attriċi kienu dawk għall-barkun li jingħad kellu valur ta' madwar €80,000 u li t-telf ta' qligħ ġie kwantifikat minnha fis-somma ta' €25,500 (ekwivalenti għal $27,000) fis-sena għat-total ta' €612,000. Preċiżat il-fatt li rappreżentant tal-kumpanija attriċi xehed li l-barkun kellu valur ta' €74,503 u li t-telf ta' qligħ ġie kwantifikat fis-somma ta' $27,000 fis-sena, apparti l-imgħax[10], din il-Qorti, tosserva li filwaqt li l-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet qieset din l-aħħar somma ekwivalenti għal €27,600, l-Ewwel Qorti kkalkolat it-telf ta' qligħ bir-rata ta' €25,500, li fuq medda t'erbgħa u għoxrin sena, tiġi ferm inqas mill-pretensjonijiet tal-attriċi. F'kull każ, din il-Qorti tqis dan l-aħħar aggravju bħala wieħed frivolu u, ma tarax kif dan jista' jkollu effett negattiv fuq l-appellanti, ġaladarba l-pretensjonijiet tagħha mhumiex qegħdin jiġu milqugħa.

---

[9] Ara tweġibiet taħt eskussjoni tal-espert inkarigat Anthony Dalli, f'paġni 160 u 161 tal-proċess

[10] Ara xhieda ta' Michael Fenech f'paġna 172 tal-proċess.

50. Fl-aħħar tal-appell, il-kumpanija attriċi appellanti ssemmi għala fil-fehma tagħha l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta appellata EZCL kellhom jiġu miċħuda mingħajr ma tressaq aggravju partikolari fir-rigward tas-sentenza appellata. Però, ġaladarba dan mhux il-mertu tal-aggravju nnifsu, ma jistħoqqlux jiġi kkunsidrat.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija attriċi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-appell jinġarru mill-istess kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss